MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2012

Numru. 450/2012

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Bernard Charles Spiteri)

**vs.**

**DAVID CAMILLERI**

**Illum 2 ta' Ottubru 2012**

**Distrett Kaz Numru 450/2012**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' David Camilleri, iben Angelo u Josephine nee' Camilleri, imwieled fis-6 ta' Settembru 1962, residenti fil-fond Kai David, Triq Wied Simar, Qala, Ghawdex, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 45162(G) li gie akkuzat talli nhar is-27 ta' April 2012 gewwa Kercem, Ghawdex;

1. minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel jew xort'ohra bl-awtorita' tieghu nnifsu fixkel lil Lino Farrugia fil-pussess ta' hwejgu;

2. bi hsara tas-sid jew detentur ghamel vjolazzjoni kontra proprjeta' ta' Lino Farrugia jew ta' haddiehor mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel dan l-artikolu jew band'ohra;

3. minghajr hsieb li jaghmel reat iehor dahal f'dar fejn joqghod haddiehor wara li kien gie mwissi minnu li ma ghandux jidhol bil-mohbi tieghu jew bi skuza falza jew b'qerq iehor;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

**Ikkunsidrat:**

Illi, mill-provi prodotti, jirrizulta li l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat gew sodisfactentement pruvati. Mhux l-istess jista' jinghad ghat-tielet (3) imputazzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, wara li rat Artikoli 85 u 340(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' hamsa u sebghin ewro (€ 75.00) fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni u ammenda ta' hamsa u ghoxrin ewro (€ 25.00) fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------